MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI INFERJURI

## MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI

Seduta tat-13 ta' Lulju, 2012

Rikors Numru. 1/2010/1

**Dr Joseph Ellis**

**vs**

**Registratur tal-Qorti t'Ghawdex u Joseph Camilleri, Francis Ghirxi u l-Avukat Wenzu Mintoff**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat minn Dr Joseph Ellis fis-6 ta' Mejju 2011 li permezz tieghu espona s-segwenti:

Illi l-esponenti kien l-avukat tal-attur f'zewg kawzi fl-ismijiet "Carmelo Saliba vs Joseph Camilleri et" (Avviz Nru: 1/2010AE u 2/2010AE).

Illi wara sentenza ta' dina l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Marzu 2011, ir-Registratur tal-Qorti ntaxxa zewg taxxi, hawn

allegati bhala Dok 'A' u 'B', li permezz taghhom id-dritt tal-esponenti f'din il-kawza gie ntaxxat fis-somma ta' sitta u erbghin ewro disgha u hamsin ewro centezmi (€46.59).

Illi l-esponenti qed jikkontesta tali dritt peress illi gie ntaxxat fuq id-danni likwidati u ma jiehux in kunsiderazzjoni l-fatt illi f'din il-kawza ntalbet dikjarazzjoni illi l-artikoli in kwistjoni kienu ngurjuzi.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti talab lil din il-Qorti joghgobha tordna lill-konvenut Registratur tal-Qorti jirrevedi t-taxxi in kwistjoni sabiex jirriflettu ekwita d-dritt li hu dovut lill-esponenti.

Rat li Francis Ghirxi, Joseph Camilleri u l-Avukat Wenzu Mintoff gew debitament notifikati bir-rikors u bl-avviz ghas-smiegh izda li ma pprezentaw l-ebda risposta.

Rat ir-risposta tad-Direttur, Qrati Civili u Tribunali:

1. Illi preliminarjament, l-azzjoni odjerna hija monka u nulla fil-konfront tal-eccipjent stante li l-azzjoni giet intavolata kontra entita', ossia ir-Registratur tal-Qorti Ghawdex, li ma huwiex aktar kontemplat fil-Ligi, u ghalhekk l-eccipjenti Direttur, Qrati Civili u Tribunali ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-taxxa kif redatta nhadmet b'mod korrett u skont il-ligi u l-prassi f'dawn il-kazijiet b'dan illi f'kaz li dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tvarja tali tassazzjoni, l-esponenti m'ghandux isofri ebda spejjez ta' tali azzjoni u/jew korrezzjoni;

3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost il-kawza *de quo* hija ntempestiva in kwantu *dato ma non concesso* li jkun hemm lok ghal xi korrezzjoni jew revizjoni tat-taxxa l-esponent huwa dejjem dispost janalizza l-mod kif tkun inhadmet taxxa u fil-kaz in dizamina l-esponent ma giex avvicinat ghal dan il-ghan qabel ma giet intavolata l-kawza odjerna u ghalhekk huwa m'ghandux ibati ebda spejjez;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent jirrileva illi huwa joqghod ghal kwalsiasi ordni li tohrog dina l-Onorabbli Qorti, izda f'kull kaz l-esponent m'ghandux isofri spejjez ta' dawn il-proceduri;

5. Salv, jekk ikun il-kaz, eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kollha kontra r-rikorrenti.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta' Jannar 2012 fejn ir-Registratur tal-Qorti rtira l-ewwel eccezzjoni preliminari tieghu. Il-partijiet qablu li t-taxxa nhadmet fuq l-ammont ta' danni morali li gew likwidati fis-sentenza in kwistjoni.

Rat l-atti kollha nkluz tal-kawzi allegati fl-ismijiet Carmelo Saliba vs Joseph Camilleri (Avviz Nru: 1/2010AE u 2/2010AE).

**Ikkunsidrat:**

Illi l-punti saljenti li wasslu ghall-vertenza odjerna kienu s-segwenti:

(i) Dr Ellis kien l-avukat li kien jippatrocina lil Carmelo Saliba f'zewg kawzi.

(ii) Fl-Avviz kontra Joseph Camilleri u Francis Ghirxi, l-attur Carmelo Saliba talab li prevja d-dikjarazzjoni illi l-kontenut ta' artiklu bl-isem *'Stil Gdid ta' Tmexxija fiz-Zebbug'* pubblikat fil-gurnal 'L-Orizzont' tal-15 ta' Dicembru 2009 hu malafamanti u talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhalsu dik is-somma li tigi likwidati mill-qorti u li ma tkunx izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u erbghin euro u sebgha u tmenin euro centezmu (€11,646.87).

(iii) Fl-Avviz kontra Joseph Camilleru u l-Avukat Wenzu Mintoff, l-attur Carmelo Saliba talab li prevja d-dikjarazzjoni illi l-kontenut ta' artiklu bl-isem *'Stil Gdid ta' Tmexxija fiz-Zebbug'* pubblikat fil-gurnal 'KullHadd' tal-20 ta' Dicembru 2009 hu malafamanti u talab li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsu dik is-somma li tigi likwidata mill-qorti u li ma tkunx izjed minn hdax-il elf, sitt mija u sitta u

erbghin euro u sebgha u tmenin euro centezmu (€11,646.87).

(iv) Dawn iz-zewg kawzi gew decizi fit-23 ta' Marzu 2011.

(v) Il-Qorti fl-Avviz Nru 1/2010AE iddecidiet hekk:

'Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u filwaqt li tiddikjara li l-ittra li giet ippubblikata fil-gazzetta l-Orizzont tal-15 ta' Dicembru 2009 taht it-titlu 'Stil gdid ta' tmexxija fiz-Zebbug' hi malafamanti, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur s-somma komplessiva ta' mitt ewro (€100) bhala danni'.

(vi) Fl-Avviz Nru 2/2010AE il-Qorti ddecidiet hekk:

'Ghal dawn il-motivi l-qorti qeghda tiddeciedi l-kawza billi tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenuti u filwaqt li tiddikjara li l-ittra li giet ippubblikata fil-gazzetta KullHadd tal-20 ta' Dicembru 2009 taht it-titlu 'IS-Sindku taz-Zebbug bi stil gdid ta' tmexxija' hi malafamanti, tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur is-somma komplessiva ta' mitt ewro (€100) bhala danni'.

(vii) Sussegwentement inhadmet it-taxxa. Hemm qbil bejn il-partijiet li t-taxxa nhadmet fuq l-ammont ta' danni morali li gew likwidati fis-sentenza in kwistjoni.

Illi l-intimat Registratur tal-Qorti sostna li fl-Avvizi ma kinitx intalbet dikjarazzjoni li l-artiklu in kwistjoni kien ingurjuz. Kulma ntalab kien kundanna hlas ta' ammont li ma jeccedix il-gurisdizzjoni tal-Qorti Inferjuri. U anke kieku hekk kien il-kaz, il-fatt li dikjarazzjoni tkun abbinata ma' valur allura jigi moghti dritt *ad valorem* biss u cioe' mhux jinghata dritt ulterjuri ghad-dikjarazzjoni u dan ai termini tal-paragrafi 13 u 14 tat-tariffa E.

Illi Dr Ellis isostni li ladarba l-avvizi in kwistjoni kienu jitolbu dikjarazzjoni illi l-attur kien gie ngurjat bl-artikolu in

kwistjoni kellu jigi ntaxxat dritt ai termini ta' l-artikolu 15(a) tat-Tariffa E ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 12.

Illi kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Avukat Dottor Carmelo Galea vs Silvio Zammit et**[1] *"t-tassazzjoni ta' kawza ghandha tigi regolata mit-talba kontenuta fl-att tac-citazzjoni, mhux fis-sens limitat ghas-semplici inkartament, izda fis-sens ta' l-oggett taghha; u f'dan is-sens il-kumpless ta' dak li huwa in kontestazzjoni, jew dak li huwa in disputa (quod disputatum est) jista' jigi ragonevolment indott jew determinat minn dak li jkun jirrizulta waqt id-dibattitu u t-trattazzjoni ta' l-istess kawza, imma mhux minn dak li lilha jkun irid jigi attribwit, indipendentement mill-fatt jekk it-talbiet li jigu proposti jkunux akkolti jew michuda" ("**Avv. Dr. Giuseppe Pace et -vs- Avv. Dr. Giuseppe Vella nomine et**", Prim' Awla, Qorti Civili, 1 ta' Ottubru, 1948)".*

Illi fis-sentenza fl-ismijiet **Kummissarju tal-Pulizija et vs Registratur tal-Qorti et**[2] gie ritenut is-segwenti:

*"It-taxxa trid tinhadem fil-kuntest tat-talbiet "li jkunu proposti ghall-ezami u decizjoni tal-Qrati" (**Axiaq v. Vella**, deciza minn din il-Qorti fid-9 ta' Frar, 1957), u mhux a bazi ta' materji li jkunu riservati ghall-gudizzju iehor. Fil-kawza **Ellul Bonnici v. Buhagiar noe et.**, deciza minn din il-Qorti fis-7 ta' Ottubru, 1960, kien fil-fatt intqal li "il-valur ta' kawza … jitqies fuq id-domanda u mhux fuq l-interess effettiv jew l-interess pekunjarju jew patrimonjali li l-attur jista' jkollu fl-ezitu finali tal-kawza"; f'dan il-kaz id-domanda hi biss wahda dikjaratorja u f'dan is-sens trid tigi ntaxxata. Lanqas ma jista' jinghad li l-valur tad-danni ghandu x'jaqsam mad-dikjarazzjoni, u dan ghall-fini tal-paragrafu 14 tat-Tariffa E tal-Kodici ta' Organizazzjoni u Procedura Civili, peress li, kif intwera, il-kwistjoni tad-danni ma kinitx materja li l-Qorti kellha tiddetermina fil-kawza l-ohra.*

--------Omissis--------

[1] Appell 4/2008PS deciz fil-15 ta' Lulju 2009
[2] App Nru: 406/2006 deciz fis-7 ta' Mejju 2010

*Hekk ukoll, fil-kawza* ***Tonna v. Staines noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fit-23 ta' Frar, 1935, intqal li:*

*"… fl-azzjonijiet li ghandhom bi skop taghhom il-pagament ta' somma ta' flus, it-tassazzjoni tad-drittijiet gudizzjarji hija regolata fuq id-domanda, u fuq l-ottenut jekk l-ammontar ma jigix determinat bid-domanda, (Musu` v. Notaro Micallef noe, Collezione, Volum XVII, Parti 11, pagna 123)."*

Illi l-Qorti mill-ewwel tghid li fl-Avvizi de quo l-attur, kuntrarjament ghal dak sostnut mill-intimat odjern, kien talab ghal dikjarazzjoni li l-artikli kienu ngurjuzi u dan wiehed jista' jikkonkludih mid-dicitura ta' l-istess Avvizi.

Illi l-paragrafi tat-tariffa E li jehtieg li jigu ezaminati huma testwalment:

***13.*** *Ghal kull sentenza definittiva:*

*(i) dwar l-ewwel €1,164.69 jew parti minnha ................. €46.59 bhala l-inqas dritt jew 10% skont liema jkun l-oghla*

*(ii) dwar kull valur 'il fuq mill-ewwel €1,164.69 sa €23,293.73 ghal kull €232.94 .................................... €6.99*

*(iii) dwar kull valur 'il fuq minn €23,293.73 ghal kull €232.94 ..... €2.33*

*Izda d-dritt fuq it-talbiet imsemmija fin-Nru. 7 (b) tat-Tariffa A, ghandu jkun intaxxat fuq nofs il-massimu ffissat bil-ligi ghall-penali ikkontemplata fiha.*

***14.*** *Meta dikjarazzjoni li jkun fiha decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt, ikollha x'taqsam ma' valur determinat jew determinabbli skont il-ligi jew mill-process, id-dritt relattivament ghal dik id-decizjoni jkun intaxxat skont il-paragrafu 13, fuq il-valur hekk stabbilit.*

***15.** (a) Ghal kull dikjarazzjoni ohra mehtiega li jkun fiha d-decizjoni ta' xi punt ta' ligi jew ta' fatt ........................... .......minn €23.29 sa € 232.94*

Illi fil-fehma tal-Qorti qari ta' dawn il-paragrafi ma jistghux iwasslu hlief ghall-konkluzjoni wahda u cioe' li r-Registratur intaxxa bil-mod kif trid il-ligi. Infatti stabbilit li l-attur talab dikjarazzjoni li l-artiklu kien ingurjuz ladarba gie likwidat ammont, il-fatt li d-dikjarazzjoni tkun abbinata ma' valur allura jigi moghti dritt *ad valorem* biss u cioe' mhux jinghata dritt ulterjuri ghad-dikjarazzjoni u dan ai termini tal-paragrafi 13 u 14 tat-tariffa E.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti taqta' u tiddeciedi l-kawza billi filwaqt li tilqa' l-eccezzjonijiet tal-konvenut Registratur tal-Qorti t'Ghawdex, tichad it-talbiet attrici u dan bl-ispejjez kontra l-attur hlief ghal dawk relatati ma' l-ewwel eccezzjoni tar-Registratur tal-Qorti t'Ghawdex.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------